MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru 73/2007

**Il-Pulizija**
**Supt Carmelo Bartolo**
**vs**
**Darren Camilleri**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Darren Camilleri ta' 25 sena iben Joseph u Josephine nee' Barbara mwieled Pieta fit-23 ta' Jannar 1982 u residenti 9 Triq l-Assunta Marsa, ID 83982M.**

**Akkuzat talli fil-Mosta f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-11.00pm tat-28 ta' Jannar 2002 u nofsinhar tad-29 ta' Jannar 2002, kkommetta serq ta' diversi oggetti foshom xorb alkoholiku, sigaretti u flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif wkoll bil-valur, li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, sar ghad-detriment ta' Martin Deguara mill-Mosta u / jew persuni ohra.**

**U iktar talli fil-Mosta, fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltija, imma kienet izjed m inn hamsin lira Maltija, u li saret ghad-detriment ta' Martin Deguara mill-Mosta u / jew persuni ohra.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17H, 261 (f) (b) (c), 267, 263, 270, 278(3) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta' l-Artikolu 17H tal-Kap 9 u qed tikkundannah ghal 20 xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin millum sakemm ma jwettaq ebda reat matul dan il-perjodu. Barra minn dan fi zmien sitt xhur millum, ghandu jhallas is-somma dovuta kollha lill-insurance li hallset lid-derubat u dan ai fini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------